MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 797/2008

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Zghazagh u Sport**

**vs**

**Matthew Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-konvenut beda l-istudji tieghu fl-Istitut ghall-Istudji Turistici f'Settembru 2000 u matul il-perjodu li dam jistudja huwa kien jircievi stipendju; Illi huwa rrizenja mill-kors tieghu f'Ottubru 2001; Illi skond il-kundizzjonijiet tal-kors li kien qed isegwi l-konvenut fl-Istitut ghall-Istudji Turistici, u li hu accetta li jkun marbut bihom meta applika biex jidhol ghal tali kors, meta student jirrizenja mill-istudji tieghu huwa jrid jirrifondi lura l-istipendju kollu li jkun ha;  Illi l-konvenut kien hallas ammont mill-istipendju dovut minnu izda mbaghad waqaf ihallas.  Il-bilanc dovut minnu jammonta

ghal hames mija u tmintax-il Ewro u tmienja u disghin centezmu (€518.98c); Illi l-konvenut kien interpellat diversi drabi biex ihallas dak li hu dovut, anke permezz ta' ittra ufficjali, izda huwa baqa' inadempjenti; Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jirrifondi lill-attur is-somma ta' hames mija u tmintax-il Ewro u tmienja u disghin centezmu (€518.98c).

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali tad-29 t' Ottubru 2003.

Ra n-nota tal-attur datata 13 ta' Jannar 2010, li permezz taghha l-attur irriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' hames mitt Ewro (€500.00).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt Ewro (€500.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------